

"L-Ewropa tibda ffir-reġjuni, il-bliet u l-irħula tagħha"



4 ta' Marzu 2022

Aħna, il-mexxejja lokali u reġjonali tal-Unjoni Ewropea (UE), irridu UE li twieġeb b'mod aktar effettiv għall-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini.

1. Il-pedamenti tad-demokrazija ĊUE jin-sabu ffil-240 reġjun, id-90 000 municipalit  u l fuq minn 1,2 miljun politiku elett lokalment u reġjonalment tagħha, li jirrappreżentaw 450 miljun ruħ. Id-demokrazija, li twieldet lokalment madwar 2 500 sena ilu ffil-"polis", tista' tibqa' ħajja ĊUE biss jekk ikollha għeruq tajbin ffil-post u tiġi pprattikata kuljum.

2. Id-demokrazija tiġi aċċettata jekk tiġi leġittimizzata permezz tal-ffiducja tan-nies u jekk tagħti riżultati Ċeqreb livell għaċ-ċittadini. Huwa għalhekk li naraw il-ħtieġa li jiġi promoss mudell ta' "Dar id-Demokrazija Ewropea" mibni fuq legittimit  tridimensjonali: pedamenti sodi rappreżentati mill-awtoritajiet reġjonali u lokali, ħitan b'saħħithom irrappreżentati mis-27 Stat Membru u saqaf protettiv ipprovdut mill-UE.

L-adozzjoni ta' approċċ minn isfel għal fuq għat-teħid tad-deċiżjonijiet Ċistituzzjonijiet tal-UE se tqarreb lill-UE lejn il-qlub u l-imħuħ tan-nies u se terġa' tikseb il-ffiducja ĊUE bħala proġett demokratiku bbażat fuq rappreżentanza elettoralis b'saħħitha, li tirispetta l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

3. L-elezzjonijiet huma għodda fundamentali għall-funzjonament tad-demokrazija rappreżentattiva permezz tal-ħidma tal-partiti politiċi. Irridu niżguraw li, lil hinn mill-elezzjonijiet Ewropej li jsiru kull 5 snin, jiġu diskussi suġġetti ewlenin ta' rilevanza Ewropea qabel l-elezzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, meta jitqies li 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi implimentata ffil-livell lokali u reġjonali.

4. UE aktar demokratika jeħtieġ li tindirizza d-distakk eżistenti ffil-legittimit  politika u

legali u tagħmel lir-reġjuni, il-provinċji, il-bliet u l-irħula tagħha parti indiviżibbli tal-mekkaniżmi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha ffi ħdan id-dispożizzjonijiet attwali tat-Trattat jew f'każ ta' bidla futura ffit-Trattat.

5. Għalhekk nitolbu li r-rwol tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jiġi aġġornat gradwalment lil hinn mill-funzjoni konsultattiva attwali tiegħu lejn wieħed vinkolanti f'għadd limitat ta' oqsma ta' politika b'dimensjoni territorjali ċara ffilwaqt li tiġi evitata kumplessit  addizzjonali ĊUE. Li tingħata konsiderazzjoni akbar lill-għarffien esperti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali Ċelaborazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE ser iwassal għal regolamentazzjoni aħjar u legittimit  demokratika akbar ĊUE.

Dan it-tiħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjet  jista' jinkiseb billi l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jingħata aċċess aħjar għan-negozjati bejn l-istituzzjonijiet tal-UE dwar proposti leġiżlattivi (trilogi) u billi l-parlamenti reġjonali, f'ċirkostanzi deffiniti kif dovut, jingħataw rwol formali b'rabta mal-proposta ta' leġiżlazzjoni tal-UE.

6. Nappellaw biex nibnu fuq l-esperjenza tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex jiġi żviluppat djalogu permanenti u bbażat fuq il-post maċ-ċittadini bħala mekkaniżmu parteċipattiv li jorbot aħjar lill-UE mar-realtajiet ffil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali u jiżgura li ċ-ċittadini jirċievu feedback dwar l-ideat u t-ħassib tagħhom, speċjalment bl-involviment taż-żgħaħaġh. L-assoċjazzjonijiet territorjali nazzjonali u Ewropej imkien mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u n-networks tiegħu ta' Politiċi Eletti Żgħaħaġh u Kunsillieri tal-UE ffil-livell reġjonali u lokali huma lesti li jraċilitaw dan il-proċess.

7. Nappellaw lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex taerma mill-ġdid il-"ko-

eżjoni" bħala valur fundamentali u bħala boxxla għall-politiki kollha tal-UE bbażati fuq ir-rispett għas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli.

8. Nitolbu t-tiħiħ tar-reżiljenza ĊUE, b'involviment ċar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ffit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki soċjali, klimatiċi, ambjentali, tal-enerġija u diġitali u għal aċċess dirett għall-ffinanzjament tal-UE f'oqsma li huma ffil-kompetenza tagħhom.

9. Nappoġġjaw Unjoni Ewropea tas-Saħħa li tagħti lill-UE l-kompetenzi meħtieġa biex tirreaġixxi malajr għall-kriżijiet tas-saħħa ffilwaqt li tirispetta l-prinċipji tas-sussidjarjet  u l-proporzjonalit .

10. Nitolbu l-adozzjoni ta' aġenda rurali Ewropea li tħares il-quddiem u li ttejjeb l-integrazzjoni urbana-rurali kif ukoll twassal għal rivalitalizzazzjoni sostenibbli tal-komunitajiet rurali.

11. Nappellaw lill-UE biex tuża r-rabti b'saħħithom li nħolqu matul is-snin mal-awtoritajiet lokali u reġjonali ffil-pajjiżi tal-viċinat u l-pajjiżi tat-tkabbir u biex tibni l-istat tad-dritt u l-governanza tajba minn isfel għal fuq.

12. Biex nirbħu lura l-ffiducja taċ-ċittadini jeħtieġ li nġeddu l-funzjonament tad-demokrazija u l-valuri Ewropej permezz tal-edukazzjoni u ċ-ċittadinanza, b'mod partikolari fost iż-żgħaħaġh u ffir-reġjuni transfruntiera, aħna u nipromovu r-rispett tal-opportunitajiet indaqs.

Ejjejjew naħdmu flimkien biex id-demokrazija tikseb ir-riżultati mixtieqa u tqarreb lill-Ewropa lejn il-poplu tagħha.

